

# Sitt pariri għal smigħ attiv

**Artiklu ġentilment miġjub għall-Malti mill-Bullettin Salesjan Taljan ta' Ottubru 2019 minn Francesco Pio Attard**

**Spiss nisimgħu lil min jgħid li l-muftieħ għal relazzjoni tajba hu l-komunikazzjoni, imma ma ninsewx li s-sigriet tal-komunikazzjoni hu s-smigħ.**

**Dawn huma sitt pariri biex nipprattikawh u hekk nifhmu aħjar lil xulxin.**

## 1. OĦLOQ IL-KLIMA T-TAJBA

Il-kelmiet mhumiex l-uniku element. Spiss lanqas huma l-iżjed wieħed importanti. L-atmosfera, l-ambjent, il-ġesti, l-affetwożità, is-silenzju, l-għajnejn, il-wiċċ mhumiex xi sempliċi gwarniċ. Ngħidu aħna, f'intervista għal xogħol, id-dehra esterna tal-kandidat kważi dejjem tiddeċiedi r-riżultat tal-laqgħa.



*Ritratt: Priscilla Du Preez from www.unsplash.com*

“Inħallu lill-istudenti tagħna jesprimu b'mod ħieles dak li jaħsbu”, kien iħobb jgħid Don Bosco lill-kollaboraturi tiegħu. U kien jisħaq: “Isimgħuhom, ħalluhom jitkellmu kemm iridu”. Don Bosco l-ewwel wieħed li kien eżempju ta' “smigħ”. Hemm ritratt ċelebri li jurih iqarar liż-żgħażagħ: il-persuna kollha tiegħu fis-smigħ, kollu attent.

Il-Memorji Bijografiċi jfakkru: “Minkejja l-ħafna ħidmiet serji li kellu, dejjem kien lest jilqa' f'kamartu, b'qalb ta' missier, lil dawk iż-żgħażagħ li kienu jitolbuh xi udjenza partikulari. Anzi, ried li jittrattawh b'familjarità kbira u qatt ma kien jilmenta dwar l-indiskrezzjoni li biha xi drabi kienu jtellfuh. Kien jagħti lil kull wieħed il-libertà sħiħa biex jistaqsi, jaqsam x'qed itaqqlu, jiddefendi ruħu, jiskuża ruħu…

Kien jilqagħhom bl-istess rispett li bih kien jittratta l-ikbar sinjuri. Kien jistedinhom ipoġġu bilqiegħda fuq is-sufan, u hu kien joqgħod bilqiegħda wara l-mejdina, u jismagħhom bl-akbar attenzjoni bħallikieku dak li kienu qed jgħidulu kollu kien importanti ħafna…”.

Il-parti l-kbira tal-ġenituri jaħsbu li qed jisimgħu lil uliedhom. Tidher ħaġa sempliċi u ovvja. Imma kemm drabi ommijiet u missirijiet qed jisimgħu tassew u b'mod sinċier, b'attenzjoni sħiħa, dak li jgħidulhom jew jippruvaw jgħidulhom?

## 2. IKKONĊENTRA FUQ KLIEM IL-PERSUNA L-OĦRA

Li nikkonċentraw fuq kliem l-oħrajn mingħajr ma nagħmlu xejn iżjed jew naħsbu f'xi argument ieħor hu l-aqwa mod kif nistgħu nisimgħu.

Wieħed mis-sinjali tal-għaġla li qed tikkundizzjona lin-nies ta' żmienna hu li qed insiru dejjem inqas kapaċi nikkomunikaw b'għajnejna. Il-kuntatti bejn il-persuni żdiedu: internet, emails, mowbajls… U qed ninsew il-kuntatt l-iżjed sempliċi: il-kuntatt bil-wiċċ.

Don Bosco ġabar wieħed mill-punti ewlenin tas-sistema edukattiva tiegħu fil-kelmiet “Ħa

*Ritratt ta' fuq: Jamie Davies from www.unsplash.com*